PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*
29 ta' Novembru, 2020

# GĦAL SAĦĦTEK

Kif tafu għadna sejrin bil-pandemija li qed iżżommna f'sitwazzjoni fejn bla ma rridu, inżommu distanzi minn xulxin. Ippermettuli nerġa' nsemmilkom xi affarijiet importanti sabiex inħarsu saħħitna u saħħet l-oħrajn.

- Fil-knisja għandha dejjem tinżamm id-distanza. Fil-knisja parrokkjali hemm banikijiet indikati biex toqogħdu bilqiegħda fihom.
- Kulħadd għandu jilbes il-maskra fil-knisja. Anke min iżomm distanti minn persuni oħrajn, għandu jilbisha.
- Intom u deħlin il-knisja, preferibbilment tidħlu mill-bieb il-kbir. Użaw is-sanitizer malli tidħlu.
- Tajjeb li wara li tagħtu l-offerta, tapplikaw sanitizer minn dak li ġġibu magħkom.
- Min jirċievi l-Ewkaristija, bħalissa m'għandux jgħid "Ammen".
- Waqt il-qrar, ibqgħu lebsin il-maskra.
- Id-dispensa mill-obbligu tal-quddies ta' nhar ta' Ħadd għadha fis-seħħ. Madankollu l-familji u ż-żgħażagħ huma mħeġġin jiċċelebraw Jum il-Mulej billi jattendu l-quddies.
- Għas-saħħa ta' kulħadd xbihat tal-qaddisin m'għandhomx jintmessu min-nies u lanqas għandha tintmess il-ħġieġa li tkun tħarishom.

**DWAR IT-TQARBIN LILL-MORDA**

Minn nhar it-Tnejn 30 ta' Novembru sa lejlet il-Milied, is-saċerdoti u l-ministri tal-Ewkaristija mhumiex se jieħdu t-tqarbin lill-anzjani u lill-morda fid-djar. Jekk ikun possibbli nibdew it-tqarbin għall-morda mill-ġdid, fil-Milied. Dawk il-qraba li s-soltu jieħdu t-tqarbin lil tal-familja jistgħu jkomplu jagħmlu dan. Il-qraba li jixtiequ jibdew iwasslu t-tqarbin lil tal-familja, ikellmuni biex ngħidilhom kif jagħmlu u biex nagħtuhom it-talb li tħejja mill-Uffiċċju tal-Pastorali tad-Djoċesi.

***L-Arċipriet***

## AVVIŻI OĦRAJN

**IS-SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 4 ta' Diċembru, fl-ewwel ġimgħa tax-xahar, wara l-quddiesa tal-5.00pm. Mistednin niġu nitolbu flimkien lil Ġesù biex ikollu Ħniena mid-dinja li qed tesperjenza tant taqlib ta' gwerer, irvellijiet, moħqrija, persekuzzjonijiet u tant mard. Fi tmiem l-adorazzjoni jkun hawn il-barka Sagramentali.

**BOOKING TAL-QUDDIES:** dawk li jixtiequ jibbukkjaw il-quddies minn Jannar sa Diċembru tas-sena d-dieħla, jistgħu jiġu l-Uffiċċju minn nhar it-Tnejn li ġej. Il-booking isir nhar ta' Tnejn, nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa. Nitolbu biex min jiġi dejjem iżomm id-distanza soċjali.

**APPLE PIES, MINCE PIES U PONSJETTA GĦALL-BEJGĦ**

Dan il-weekend iż-żgħażagħ taċ-Ċentru qed jorganizzaw fundraising, is-Sibt 28 ta' Novembru bejn il-5pm u t-8pm u l-Ħadd 29 ta' Novembru bejn it-8.30am u n-12.30pm.

***JOURNEY OF FIRE:*** quddiesa animata bil-kant u bis-sehem taż-żgħażagħ. Tibda llum il-Ħadd 29 ta' Novembru fil-11.00am.

**SENA ĊENTINARJA - 8:**

Il-laqgħa tal-membri tal-Leġjun ta' Marija tikkonsisti, fost oħrajn, fit-talba tar-Rużarju u dik tat-tessera, studju tal-Manwal u messaġġ mid-Direttur Spiritwali, smigħ u diskussjoni dwar appostolat u li jkun twettaq u tqassim ta' xi xogħol lill-membri.

L-Arċipriet jawgura mixja sabiħa tal-Avvent li tibda llum il-Ħadd 29 ta' Novembru, għall-Milied.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am